# IS-SUR NIN U JIEN

## TAGHRIF U TIFKIRIET MINN


## Ġ. CASSAR PULLICINO


Fuq is-Sur Nin inkiteb bosta sew f'ħajtu kemm f'mewtu, f'gazzetti u f'rivisti ta' Malta u ta' barra. F'din il-kitba ma beħsibniex intennu dak li diġà ntqal minn ħaddieħor iżda rridu nġibu xi tagħrif dwar il-formazzjoni letterarja tiegħu u nsemmu ħwejjeġ li nħossu li għad ikunu jiswew għal min jidħol biex jikteb bijografija sħiħa dwar il-mibki ħabib tagħna li, daqs kemm konna ilna nafuh bħala biċċa mix-xena letterarja Maltija, bil-kemm għadna rridu nemmnu li ilu li ħalliena għal kollox mill-4 ta' Jannar, 1972, ftit xhur biss qabel ma kien jagħlaq l-għomor ta' 92 sena.

L-ewwel tagħrifa li rrid insemmi għandha x'taqsam mal-versi bikrija li Cremona kiteb bit-taljan. F' *Il-Malti* ta' Diċembru, 1941, huwa jfakkar kif Dun Karm, għall-ħabta ta' l-1892-94, "kien l-ewwel wieħed li wrieni kif għandi nkejjel b'subgħajja u nqabbel. Kull fejn kont inkun ... moħħi dejjem ihewden biex joħroq u jqabbel xi vers, u għalkemm imħabba f'hekk ġew waqtiet li kont warrabt kull studju ieħor, jien ma jisgħobbinix li Dun Karm kien nissel fija din ix-xorta ta' mħabba u ġenn għall-poeżija."

Imma liema kienet l-ewwel poeżija tiegħu? Fir-*Rand u Riħan* (p. 152) hemm sunett *Lil Ommna Marija Imħabbra Omm Alla* li jibda hekk:

> Lilek għannejt jien l-ewwel għanja kmieni
> f'dil ħajja meta b'qalbi mbexxqa ħsiebi
> fetaħ il-ġwienaħ u fuq xbiħatek hieni
> waqaf fil-bieb tad-dinja fi dlam kiebi ...

Fit-tifsir li jagħti dwar din l-istrofa Cremona jgħid li l-ewwel poeżija li kiteb f'żgħożitu kienet lill-Madonna (il-Lunzjata) fil-bidu ta' ħajja mudlama u ta' swied il-qalb. Minn kopja tajpjata ta' dil-poeżija li għandi f'idejja, li fuqha hemm miktub bil-linka minn id Cremona "scritta e publicata a 17 anni — la mia prima poesia" nistgħu ngħidu li din kien jisimha *A Maria Vergine — Solenizzandosi l'annua festività dell' Annunziazione nel Tarxien*. Kif wieħed jistenna, f'dawn l-ewwel versi jew Ode tiegħu jinħassu influwenzi ċari tal-poeżija taljana, l-iktar tal-Manzoni, kif jidher minn dawn is-siltiet:

Cessi il-dolore: O popoli,
Ecco il Segnato Fonte,
Rapido, vivo e limpido
Sgorgar dal sacro monte,
E stendersi pei triboli
U' langue il fiorellin.

Cessi il dolor: benefica
Alba ci s'apre in Cielo,
E delle fosche tenebre
Rompe il notturno velo,
E messaggiera infiorasi
Del bel nascente sol.

E' dessa l'alma Vergine
Davidica Donzella,
Di cui l'Eterno Artefice
Opra non fe' piu' bella,
Dessa e' la Speme al secolo,
E di Satanno il duol.

A tutto l'uman genere
Donò l'antico onore,
E l'ira inesorabile
Placò del Gran Fattore,
Di sua belta' l'Etereo
Olimpo innamorò.

.........

Serba sul labbro al giovine
Sempre innocente il riso,
Per te il candor dell'anima
Brilli nel vergin viso,
E splenda il casto talamo
Sempre di fe' d'amor.

.........

Sperdi la nebbia orribile
Onde le prave scuole
In turpi errori acciecano
Questa crescente prole
Nata alle gioie candide
Del ver della virtù ...

It-tieni tagħrifa dwar is-sur Nin hija marbuta flimkien mat-tifkira ta' zijuwi Dun Bert Cassar, minn Ħal Luqa, li ismu għadni ngħożżu

sal-lum għax kien bis-saħħa tiegħu li ħuti l-kbar u jien stajna nissoktaw bit-tagħlim wara l-iskola tal-Gvern. Niftakar, darba kien ġie għandi is-sur Nin fl-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni, fejn kont naħdem disa' snin ilu, u qalli: "Ġibtlek ħaġa li żgur tieħu pjaċir biha". Kollni kurjuż, saqsejtu xinhi, u Cremona newwilli sunett bit-taljan, u meħmuża miegħu biċċa karta b'nota iffirmata minnu bid-data 25. 11. 1961 li tgħid hekk: "Hawn għandek sunett bit-taljan, forsi l-ewwel wieħed tiegħi, li kont ktibt lil zijuk għa'l-festa ta' Sant' Andrija meta konna s-Seminarju flimkien". Jiena bqajt ngħożżu dak is-sunett stampat li forsi illum huwa xieraq li nerġa' nurih id-dawl bħala ħolqa li indirettament torbot lili u lil zijuwi mas-sur Nin:

**A S. Andrea Apostolo**
**Martire della Fede**
**Occorrendo la Sua Annua Festività**
**Celebrata in C. Luca**
**Il 30 Novembre 1898**

*Sonetto*

Quando del mondo alle conquiste avvezza,
Pugnavi o, Fede, sovra un' ardua arena,
ANDREA crescevi alla tua scuola, e piena
Pace al pusillo cor davi, e fortezza.

In Lui, Figlia del ciel, la tua grandezza
Piu' eccelsa apparve in mezzo alla serena
Parola sua possente, e non terrena
Ma celeste splende' la tua bellezza.

Parlo': l'udir gli incolti siti, e il Vero
Ai popoli si schiuse, e del tuo segno
Sui troni, e l'are si piantò l'Impero.

Ei teco alfin, s'uni' su sacro Legno
Tuo talamo nuzial, poiche' fu invero
Piu' del tuo amor che della terra degno.

Chco. A. C.

Tagħrifa oħra, did-darba marbuta mal-palk. Fl-1962 fl-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni konna bdejna naħsbu biex niġbdu film bil-kulur fuq is-Sur Nin u konna bdejna nabbozzaw l-iscript, li fih kellu l-ikbar sehem Ġużi Mallia. Għall-ħabta ta' Ġunju ta' dik is-sena kont għad-

dejt l-ewwel abbozz li! Cremona li, qabel ma telaq għal Għawdex, "biex inserraħ ftit moħħi", kif għarrafni wara, kien qara fuq fuq l-abbozz u, biex l-awtur ta' l-iscript ikollu iżjed tagħrif fuqhiex jimxi, Cremona, kif qalli, "... qabel ma ġejt Għawdex, bdejt nittajpja xi noti bijografiċi ... biex l-awtur ta' l-iscript ikun jista' jimxi fuqhom u jimla fejn jidhirlu xieraq". Dan kien aktarx fl-24 ta' Ġunju. Ftit wara kien ġiebli dawn in-*Noti Bijografiċi u Noti Oħra fuq xi Xogħlijiet tiegħi letterarji bil-Malti,* fejn, fost ħwejjeġ oħra, kien kiteb: "L-ewwel ma tgħallimt naqra l-kartelluni tal-Kumpanniji tal-Proża Teatrali, meta kelli madwar 6 snin, li kont immur nara maz-zijiet u nitgħaxxaq bihom fi tfuliti ... Sakemm kelli mat-28 sena qatt ma tħajjart nikteb bil-Malti, ħlief xi ħaġa għall-palk li kien il-għaxqa tiegħi, u l-Malti tiegħi kien iktarx imħarbex bi kliem mexxej għall-aħħar u bla ebda kriterji grammatikali: ortografija fuq il-widna." (1)

Patri G. Meilak, S.J., f-*Il-Malti* ta' Ġunju-Settembru, 1960, fil-kitba *It-Teatrin ta' Marsalforn,* fakkar kif fis-sena 1897, meta Cremona kellu xi sbatax-il sena, kien beda teatrin f'Marsalforn, l-ewwel fid-dar t'oħtu fi Triq Sa. Marija u wara fix-xatt fuq ir-ramel, fil-beraħ. B'din il-ġibda li kellu għall-palk ma nistagħġbux li Cremona kien ingħaqad ma' dilettanti oħra li għall-ħabta ta' l-1908, ftit wara li nfetaħ id-Domus f'Tas-Sliema, kienu bdew jagħtu xi reċti fl-istess Domus. Għad hawn min jiftakar dawn ir-reċti bit-taljan li fihom Cremona kien aktarx ikollu l-parti ta' xi "padre nobile", flimkien ma' oħrajn li l-biċċa l-kbira llum m'għadhomx ħajjin — bħal Peppinu Manara, Camillo Debono, li kien jiġi iben il-magħruf Imħallef Paolo Debono, l-aħwa Tommy u Charles Bonavia, minn Tas-Sliema, li wara ħallew Malta, wieħed Victor Camilleri, u l-avukat Ġużè Pace li kien ikollu xi parti fejn jidher bħala għassies tal-ġustizzja "in nome della legge." (2)

Sa fejn nistgħu ngħidu, qatt ma ssemmiet l-ebda waħda mill-kitbiet għall-palk li Cremona jsemmi li kien "ħarbex bi kliem mexxej għall-aħħar", qabel *Il-Fidwa tal-Bdiewa* li kif nafu kienet inkitbet għall-ħabta tal-1913. Bqajna ma stajna nsibu xejn dwar dan sakemm, sew-

1. Dan jaqbel tista' tgħid kelma b'kelma mat-tagħrif li kien ta lill-Prof. Ġ. Aquilina u li jinqara fl-istudju kritiku fit-tieni edizzjoni tal-**Fidwa tal-Bdiewa** (1948, p. vii). Biss hemmhekk Cremona kien semma "il-kartelluni tal-Kumpanijiet tal-Proża Taljana f'Tunes" waqt li hawnhekk isemmi biss 'il-karteluni tal-Kumpanniji tal-Proża Teatrali.'

2. Tagħrif minn għand is-sinjorini aħwa M. u E. Segond, minn Tas-Sliema, fl-1966.

wa sew ftit ġranet qabel il-mewt tiegħu — u qabel ma stajna nsaqsuh fuq dil-biċċa — il-Indiċi stampat tal-kollezzjoni *Teatro in Vernacolo* miġbura minn M. A. Borg, qrajna xi titoli li nistgħu nqisuhom bħala ta' Cremona:

*Collezione A — Vol. 33*:

*Sarah Water* — dramma in 5 atti e prologo — traduzione di Ant. Cremona

*Fis-Saħna tad-Demm* — Commedia in due atti — traduzione di Ant. Cremona

*Giovanna* — Dramma in 2 atti — traduzione di Ant. Cremona

*Vol. 38*

*Il-Lhudi ta' Venezia* — Commedia in 5 atti — traduzione di Ant. Cremona

*Nini ta' l-Alhambra* — Pochade in 3 atti — traduzione di Ant. Cremona.

Minn dan naraw li l-ewwel tħarriġ tiegħu fil-kitba għall-palk kien bil-qlib minn ilsna oħra. Għalkemm dawn il-kitbiet aktarx li m'għandhomx mertu letterarju, madankollu, jekk għad jinsabu, jistgħu jservu għal studju siewi fuq l-iżvilupp tal-personalità letterarja ta' Ninu Cremona.

Semmejna ftit ilu x'kien kitbilna Cremona fuqu nnifsu dwar l-ewwel ġibda li kellu għall-proża teatrali. Tagħrif ieħor interessanti huwa dak li tana fin-*Noti Bijografiċi* li semmejna, dwar il-mod li bih huwa tbiegħed mill-klassiċiżmu meta beda jikteb bil-Malti, waqt li Dun Karm baqa' marbut mal-poeżija klassika taljana. Imma nħallu lilu jitkellem: "Il-versi tiegħi bit-taljan li ktibt dak iż-żmien (meta kelli 18-il sena), u wara, kienu mnebbħin mill-poeżija klassika tal-Manzoni, Monti, Borghi u oħrajn li minnhom rada' mhux ftit Mons. Psaila, kif jixhdu l-versi tiegħu "Foglie d'Alloro" u li jiena kont nitgħaxxaq bihom bħala dixxiplu tiegħi tal-metrika taljana. Psaila, meta qaleb għall-poeżija Maltija, baqa' rsir tal-klassiċiżmu ta' żmien żgħożitu, li bih fil-versi Maltin sar popolari iżjed milli sata' jkun popolari li kieku baqa' jikteb versi Taljani. Fil-letteratura Maltija, li kienet nieqsa minn kull xorta ta' prosodija letterarja, ħlief minn xi versi tad-dekan tal-poeti Maltin, Muscat Azzopardi, il-poeżija bil-Malti ta' Dun Karm fetħet epoka ġdida għall-poeżija Maltija li tista' ssejħilha l-*Epoka tad-Deheb*, li fil-poeżija moderna ta' nazzjonijiet oħra titqies bħala *dekadenti*. Meta ġejt biex nikteb bil-Malti jiena nfridt minn dik ix-xorta ta' poeżija klassika li biha kont rabbejt il-pinna tiegħi poetika, u fittixt li nagħti

lill-versi tiegħi xeħta oħra li iktar twieġeb għall-istil, sentimenti u ritmu tal-poeżija moderna ta' Browning, Borgese, Carducci (fil-poeżija tiegħu storika) u oħrajn ta' l-iskola romantika, iżda mhux ermetika." Din l-istqarrija ta' Cremona tieħu tifsira speċjali fi żmienna, meta l-kritiċi tal-lum qajla tiġihom f'rashom li jirreġistraw jew jinnotaw din l-ewwel mewġa ta' influwenzi moderni fost il-kittieba tal-versi bil-Malti.

Inħares lura u niftakar kif sirt naf lil Cremona. L-ewwel ma bdejt nisma' bih kien wara l-1934, meta jien kont il-Liċeo, u l-Malti kien daħal bħala suġġett fil-klassijiet mill-Kwarta 'l fuq. L-ewwel ktieb tal-grammatika tiegħu kien għadu ma ġiex stampat f'Oxford, u konna nużaw dik li kienet ħarġet f'Malta, qoxra roża, b'format aktarx tawwali. L-ewwel surmast tiegħi ma kienx Cremona, iżda Gaetano Cauchi, u fil-Kwinta mbagħad kien għallimni E. B. Vella; imma fis-sitt klassi, għall-Matrikola kellna 'l Cremona. Biss, lis-sur Nin kont sirt nafu ftit qabel, għax billi hu kien ħabib ta' missieri, u xi kultant kien ikollu bżonn ikellmu, mhux l-ewwel darba li ġew flimkien id-dar u, niftakar, kien isaqsini kif jien sejjer fil-Malti.

Il-Matrikola tajtha fil-1937, u kien fadalli sena għalbiex nibda l-Kors tal-Letteratura. Sadattant fl-1938 kont sirt midħla sewwa tas-sur Nin. Fil-pjazza tar-Raħal Ġdid, fejn jiena u xi ħbieb tiegħi konna niltaqgħu fil-għaxijiet biex ngħidu kelma, kemm-il darba kien ikun hemm magħna s-sur Nin u joqgħod ikellimna fuq il-Malti; l-iżjed fuq il-kotba li jkunu għadhom kif ħarġu fil-*Ġabra ta' Kitba Maltija* tat-tabib Ġużè Bonnici. Fost dawn il-ħbieb kien hemm tnejn li kienu jafuh iżjed minni dak iż-żmien — Salvinu Farrugia, minn Ħal Tarxien, li kien jaħdem bħala skrivan fl-Empire Press, u Karmenu Polidano, li kien joqgħod ftit 'l isfel mid-dar tas-sur Nin, Strada Dietro Sant' Ubaldesca. It-tnejn kellhom bażi soda ta' letteratura Taljana u Ingliża u jafu jagħmlu kritika fina waqt id-diskussjoni li kien ikollna. It-tnejn kienu għadhom jiftakru f'dak iż-żmien u Polidano llum joqgħod fl-istess triq tiegħi f'Ħal Balzan.

Nistħajjel li fl-ewwel entużjażmu tiegħi kont niffittah xi ftit lis-sur Nin biex jirkaptali l-kotba bil-Malti li ma kontx insib nixtri. Bis-saħħa tiegħu għaqqadt sett ta' *Il-Malti*, minbarra l-ewwel sentejn, li wara ħassilt minn għand il-Prof. S. M. Zarb, O.P. Cremona kien igħidilna fuq il-Konkors tar-Rumanzi li kien nieda l-Gvern fl-1935. Huwa kien wieħed mill-eżaminaturi u minn għandu smajt l-ewwel darba bl-isem ta' Ġużè Aquilina "tal-Birgu" li kien rebaħ l-ewwel premju bir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet.*

Darba, niftakar kien il-Ħadd, jien kont għadni kif ġejt lura d-dar kollni għarqan wara logħba futbol. Is-sur Nin kien ġie għandna qabel daqq nofs in-nhar. Kont diġà għaddejt il-Malti tal-Matrikola, u ftit qabel Cremona kien ħareġ fi ktieb il-biografija ta' *M.A. Vassalli u Żmenijietu* (1937). Dak in-nhar Cremona kien tani b'tifkira żewġ kotba tiegħu — l-ewwel edizzjoni ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936) u l-ktieb ta' Vassalli, li fuqu kitibli ismu bid-data 14 ta' Marzu, 1938. Ma' tul l-istess sena jien kont tħajjart u nktibt għall-klassi tal-Malti ta' fil-għaxija, fil-Liċeo, fejn kien igħallem is-sur Nin, u f'dik is-sena stajt nagħraf iżjed mill-qrib mhux biss il-ħila tiegħu fil-kitba u fil-grammatika imma wkoll il-karattru tiegħu ta' bniedem galantom u ħabib ta' kulħadd. Kont sikwit ngħaddi għalih fl-Istamperija tal-Gvern, fejn kien jaħdem bħala Editur u Traduttur tal-Pubblikazzjonijiet bil-Malti tal-Gvern, u noħorġu u mmorru nieħdu kafè flimkien, jew, jekk ikun il-bard, *ponċ* għand "Sultana" ħdejn is-Suq. Il-kompożituri ta' l-Istamperija kienu drawni u jekk xi darba kien ikun barra, mill-ewwel kienu jilqgħuni u jgħiduli li s-sur Nin mhux hemm biex ma noqgħodx nitla' t-taraġ għalxejn. Kultant, meta kont inkun miegħu kien jieqaf jitkellem ma' xi wieħed tal-Malti. Dak iż-żmien kont għadni ma nafhomx il-kittieba, u tgħidx kemm ħassejtni kburi meta kien introduċieni ma' P.P. Saydon u ma' F.S. Caruana!

Kien ukoll ma' tul dik is-sena li jiena ktibtlu komponiment *Ittra lil Wieħed Ħabib fuq Drawwiet li qed jinbidlu ma' oħrajn ġodda* u Cremona tant għoġbu li qalli li beħsiebu jgħaddih lil Saydon ħalli jidher *f'Leħen il-Malti,* kif fil-fatt ħareġ f'Jannar-Frar, 1940, ftit wara li kien ġie lura minn barra l-Prof. Ġ Aquilina. Cremona baqa' dejjem ifakkar f'din il-kitba li biha huwa ħajjarni għall-istudju tal-folklor. U f'reċensjoni li għamilli ta' wieħed mill-istudji tiegħi li kien ħareġ fir-rivista *Lares,* kien qal hekk f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1955: "Din ix-xejra għal dawn l-istudji (dwar il-folklor Malti) tista' tgħid bdiet tidher fih minn fuq il-bankijiet tal-Liċeo — klassi ta' filgħaxija — meta s-surmast tal-Malti għażillu għall-istampa fil-ġurnal *Leħen il-Malti* studju miktub minnu dwar xi *Drawwiet Maltin* f'konkors fost l-istudenti tal-klassi tiegħu." Il-ħabta li kellu li jagħmillek il-qalb u jimbuttak 'il quddiem ġarrbuha bosta oħrajn barra minni u bla dubju ta' xejn hija waħda mill-isbaħ xejriet fil-karattru ta' dan it-tip ta' ġentlom li llum sar rari ħafna.

Bejn l-1937 u l-1938 id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr A. V. Laferla, kien fetaħ Skola Soċjali (Community School) fl-iskola tal-Gvern ta' Ħal Tarxien, fejn kien Surmast prinċipali s-sur G. Zarb Adami. Minbarra klassijiet ta' lingwi u suġġetti oħra kienu jsiru wkoll taħdidiet

għall-pubbliku li fihom kienu jkunu mistiedna biex jitkellmu nies prominenti għalliema, kittieba jew politiċi. Billi jiena kont noqgħod Ħal Tarxien dak iż-żmien niftakarhom sewwa dawn il-konferenzi u għadni nġib quddiem għajnejja lill-avukat C. Mifsud Bonnici, lil E. B. Vella u lil Ġużè Diacono, dak iż-żmien kien għadu student, meta dawn kienu il-kelliema mistiedna. F'Marzu ta' l-1938 kienet messet konferenza ta' Ninu Cremona dwar Mikiel Anton Vassalli. Ftit xhur qabel Cremona kien ġabar fi ktieb it-tagħrif bijografiku fuq Vassalli li kien ilu joħroġ biċċa biċċa *f'Il-Malti* għal ħames snin. Minħabba l-ħin Cremona kien tkellem fil-qosor u wera biss żewġ naħiet tal-ħajja ta' Vassalli, dik politika u dik letterarja. It-taħdita ta' Cremona kienet milqugħa tajjeb, għax, fi kliem *Il-Berka* tal-31 ta' Marzu, 1938, "... il-kelma ta' Cremona qawwija u mimlija b'entużjażmu għal Vassalli mliet lil dawk kollha li semgħuha bl-istess ħrara, kif wera ċ-ċapċip ta' kulħadd f'għeluq it-taħdita".

F'Ġunju tal-1940 jiena dħalt naħdem mal-Gvern bħala Spettur Sanitarju u kelli nitlaq il-Kors tal-Letteratura. Mas-sur Nin bdejt niltaqa' fuq il-vapur t'Għawdex, fejn jien u hu kellna niesna evakwati, u fejn konna mmorru aktarx nhar ta' Sibt u nerġgħu lura t-Tnejn filgħodu. Darba minnhom, niftakar konna ltqajna Marsalforn, fejn kellu mezzanin, huwa, Ġużè Aquilina u jien. Konna mxejna sal-Qbajjar, u qagħad igħidilna fuq ir-razzett ta' nannuh li jinsab fit-tarf tat-telgħa ta' Marsalforn qabel ma tikser lejn il-Qbajjar, u meta rġajna lura kien ħadna d-dar u wriena mal-ħajt ritratti ta' xi kittieba tal-Malti, fosthom P.P. Castagna u Ludovico Mifsud Tommasi. Bħala Spettur Sanitarju kienu bagħtuni bid-distrett Ħal Għaxaq, sa Birżebbuġa u Għar Ħasan. u Cremona kien igħidli li hu wkoll, fi żmien, kellu x'jaqsam ma' Ħal Għaxaq bħala Spettur Sanitarju meta kien hemm xi każi suspetti ta' Kolera fl-1911. U kien fissirli wkoll illi l-biża' mnissel minn din il-marda kien semmieh fil-versi tiegħu *Uċuħ tal-Imgħoddi*:

... jiena wqaft u bi ħsieb sieket rajt uċuħ nexfin musfara
b'mod li jbażża' u fuq xuftejhom il-Mewt ġejja mal-ħurħara.
Ħassejt f'qalbi l-kesħa, ir-rogħda; dawwart wiċċi u b'daħka safja
l-hemm, il-biki, il-waħx nissietni f'tarf il-għalqa xbejba ħafja ...
u nissietni lejl u xita, dlam imniffed minn xi berqa
mita s-siġar ta' dil-ħajja ħabtu jinżgħu minn kull werqa,
mita fl-għorfa dħalt minn bieba tal-egħlieqi u mxejt għas-sodda
tal-mixħuta l-waqt li ruħha kienet qiegħda 'l Sidha troddha.
Bil-musbieħ f'idejha x-xwejħa ġiet turini t-triq u l-għatba:
kien il-bard, iċ-ċirċ u d-dalma, f'rokna tixgħel l-aħħar ħatba ...

Għadni nħoss f'widnejja l-għajta ta' klieb tidwi 'l bogħod u magħha maż-żaqżiq ta' ftuħ ix-xatba f'dak is-skiet għadni nismagħha ''

Is-sena ta' wara, Cremona minn rajh kien ressaqli ismi biex inkun maħtur membru ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li fiha jiena dħalt fit-8 ta' Awwissu 1941, flimkien ma' żewġ kittieba oħra ħbieb tiegħi, i. e. Alb. M. Cassola, ħabibi mit-tfulija Dun Karm Sant, illum Professur, u G. Zarb Adami. Fl-4 ta' Marzu, 1942 sibt ruħi elett fil-Kunsill tal-Għaqda tal-Kittieba għas-sentejn 1942-43 — l-iżgħar membru naħseb, għax kelli ftit iżjed minn 20 sena.

Kienu żmenijiet koroh għal Malta li kienet qed iġġarrab l-eqqel attakki mill-ajru. Il-membri tal-Kunsill tal-Għaqda għal ftit kienu ħelsuha meta ssejħet l-ewwel laqgħa, għal-l-bidu ta' April. Għalija kienet esperjenza kbira li sibt ruħi maqbud taħt l-art ma' sitt membri oħra, fosthom il-President il-ġdid, Dr Ġ. Galea, u l-Viċi President, Ninu Cremona. Ġużè Chetcuti fakkar dak il-*Jum li jibqa' jissemma* b'kitba mqanqla f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1942, li minnha nisiltu xi bċejjeċ: "... Kellna niltaqgħu fil-ħamsa, u fil-ħamsa ltqajna. Wisq ma konniex, sew sew sebgħa b'kollox, imma lkoll b'fehma waħda li nżommu ħajja l-Għaqda u l-Ilsien Malti fi żmenijiet meta kollox kien iheddded mewt u qerda. ... Ma għaddiex wisq ħin ... is-sirena reġgħet bdiet tnewwaħ ... Ħsibna li aħjar immorru nkomplu x-xogħol tagħna isfel, taħt il-b'at ... Aħna, il-ħbieb tal-Malti, bqajna lkoll ħdejn xulxin. Bdejna ħin wara nisimgħu l-isparar li beda jikber u joktor dejjem ... Fix-xelter għajjat, twerżiq, biki, talb bla heda! Id-dwal ipetptu ma' kull tfaqqigħa ta' bomba li tinħass. Fl-aħħar, bomba jew tnejn li waqgħu dritt fuqna, tfew id-dwal għal kollox, u kulħadd sab ruħu fi dlam ċappa. Biex tagħqad, bdiet tinxtamm riħa li xejn ma għoġbitna li aktar ma tmur aktar bdiet tiżdied; u bħal daħna li tħossha trid tifgak daret magħna u xterdet ma' kullimkien ... Għaddejna dwar sagħtejn f'dan il-waħx, imgeddsin ma' xulxin, b'xita ta' bombi fuq rasna u bir-rjieħ li bdew għaddejja qawwija hekk li donnhom riedu jaqtgħuna mill-art. Fl-aħħar bil-mod il-mod beda jiskot kollox ..."

Is-sur Nin kien magħna hemm, bil-kemm jista' jieħu nifs b'dik il-foga, u naħseb li Chetcuti għalih kien qed igħid meta kiteb: Ilmaħt ħin wara wieħed mill-ħbieb tiegħi b'nifsu maqtugħ, ħwejġu bjadu bit-trab li ngħaqad fuqhom; kien qisu tmiegħek qalb id-dqiq. Anqas felaħ jiftaħ ħalqu, u f'dik il-biża u l-ġenn kollu, tkellimna aktar b'għajnejna milli bil-kliem.''

Nixtiequ nfakkru li meta fl-1941, is-sur Nin wasal għas-sittin wara 41 sena servizz, kien reġa' ġie impjegat fl-istess sena bħala Tra-

duttur u Asst. Editur ta' *Il-Bidwi,* maħruġ mit-Taqsima ta' l-Informazzjoni tad-Dipartiment tal-Biedja. Baqa' f'dan ix-xogħol sa l-1945, meta mbagħad irtira għal kollox.

Fl-1943 jiena kel'i l-pjaċir li naħdem mas-sur Nin bħala membru ta' Kummissjoni li kienet inħatret biex tlesti Memorandum dwar it-terminoloġija legali li l - Għaqda wara kienet bagħtet lill-Gvern. Ma niftakarx jekk kienx hemm xi ħadd ieħor magħna fil-Kummissjoni, imma naf li kien swielna ħafna xogħol u li konna ndumu sa nofs i jiel: naħdmu fih id-dar tas-sur Nin, ir-Raħal Ġdid, fejn konna ġejna noqogħdu wkoll aħna minn Għawdex għal xi żmien f'dar f'Church Avenue. Fir-rapport dwar *Il-Ħidma tagħna* fl-1943 Ġużè Chetcuti jsemmi dan ix-xogħol u jgħid: "Dan il-Memorandum inħadem b'reqqa u studju kbir minn Kummissjoni maħtura f'laqgħa tal-Kunsill. Fl-Art. 3 ta' dan i'-Memorandum insibu: "Milli stajna naraw, wara li flejna t-traduzzjonijiet li saru minn dak iż-żmien li beda jseħħ l-użu tal-Malti fil-Qrati, insibu li dawn it-traduzzjonijiet bil-Malti, t'emendi ta' liġijiet, jew ta' liġijiet ġodda, ma jweġbux għal kollox għal dak li jitlob il-ġieh letterarju tal-Lsien Malti u xi mindaqqiet ukoll, skond il-fehma tagħna, għas-sens legali tal-kelma." F'dan il-Memorandum, li jistħoqqlu kull tifħir lill-Kummissjoni li sawritu, hemm kritika kostruttiva, u suġġerimenti li kieku l-Gvern jagħraf jimxi fuqhom żgur li jkunu ta' ġid u ta' għajnuna għall kull min għandu x'jaqsam max-xogħol tad-traduzzjonijiet tal-liġijiet." (3) L-Għaqda kienet qed tara fil-bogħod, għax wara xi xhur, kienet xegħlet polemika fil-ġurnali u fil-Kunsill tal-Gvern fuq it-Terminoloġija Legali Maltija, u l-Għaqda kellha tippubblika bil-Malti u bl-Ingliż il-Memorandum li bagħtet lill-Gvern. biex tiġġustifika l-politika tagħha "f'għajnejn il-pubbliku li mhu mgħarraf b'xejn li jista' jitfa' fuqna l-ħtija ta' estremiżmu li ma jaqbilx mal-fehmiet lingwistiċi tagħna."

Għal bosta u bosta snin is-sur Nin kien Asst. Direttur ta' *Il-Malti* u f'din il-kariga mill-Gwerra 'l hawn kiteb ħafna editorjali li, billi ma kienx jiffirmahom qabel l-1964, mhux la kemm tkun taf liema huma tiegħu u liema le. Meta kont Bibljotekarju ta' l-Università (1953-1959) kont tħaddidt mal-Prof. Aquilina fuq hekk, u wara mbagħad kont irranġajt biex is-sur Nin jiġi fil-Librerija ta' l-Università u jiffirmali, fil-kopji illegati li kellna mal-*Melitensia,* l-editorjali li kien kiteb hu. Żmien wara, milli jidher, huwa nnifsu wkoll ħass il-bżonn li jagħmel lista ta' dawn l-editorjali u minn żmien għal żmien kien jirrevediha u

3. Il-Malti, Marzu, 1945.

jagħtini kopja. L-aħħar kopja riveduta tasal sal-1963 għax, kif għidna, mill-1964 imbagħad bdew joħorġu fuq ismu meta jkunu tiegħu. Jidhrilna li ma nagħmlux ħażin nistampaw l-aħħar lista li kien tana:-

1. *Estote Parati* — Settembru, 1944, pp. 65-66.
2. *Is-sena 1945 Xi tfisser għalina* — Marzu, 1945. pp. 3-4.
3. *Il-Jedd tal-Lsien Malti* — Marzu, 1948. pp. 3-7.
4. *Il-Bieraħ u l-Lum* — Ġunju, 1948. pp. 33-35.
5. *Sursum Corda* — Ġunju, 1952, pp. 33-34.
6. *L-Istudju tal-Malti* — Diċembru, 1952. pp. 97-98.
7. *Il-Meċenati tal-Malti.* — Settembru, 1952. pp. 65-68.
8. *It-Tagħlim tal-Malti* — Ġunju, 1953, pp. 33-35.
9. *Niftakru f'Min Mexxiena* — Diċembru, 1953, pp. 97-98. (Għeluq il-Mitt Sena tat-Twelid ta' Ġużè Muscat Azzopardi)
10. *Iż-Żjara tar-Reġina fil-Gżejjer ta' Malta* — Ġunju, 1954. pp. 33-34.
11. *Wara Tletin Sena* — Diċembru, 1954, pp. 97-99.
12. *Il-Letteratura Maltija fir-Radju* — Marzu, 1955, pp. 3-4.
13. *Il-Milied u l-Ewwel tas-Snea* — Diċembru, 1955. pp. 97-98.
14. *Proża u Poeżija fil-Letteratura Maltija* — Ġunju, 1955, pp. 33-35.
15. *It-Tagħlim tal-Malti* — Marzu, 1956, pp. 3-5
16. *L-Arti Drammatika f'Malta* — Settembru, 1956. pp. 65-67.
17. *Għeluq is-Sena* — Diċembru, 1956. pp. 99-101.
18. *Il-Malti fl-Iskejjel* — Marzu, 1957. pp. 65-68.
19. *It-Tagħlim Grammatikali* — Ġunju, 1957. pp. 33-36.
20. *Tifkiriet Nazzjonali* — Settembru, 1958. pp. 65-68.
21. *Ħrejjef, Stejjer u Kitba Oħra* ta' Temi Zammit — Diċembru, 1958, pp. 97-99.
22. *Demm Ġdid* — Settembru-Diċembru, 1959, pp. 65-66.
23. *Konna aħjar meta konna agħar?* — Marzu, 1961. pp. 3-6.
24. *Is-Sengħa tal-Kitba fl-Istorja tal-Letteratura Maltija* — Settembru, 1961, pp. 65-69.
25. *Qari u Kitba bil-Malti fl-Istorja tat-Tagħlim f'Malta* — Marzu, 1962, pp. 3-8.
26. *Il-Malti fir-Radju u fit-Televiżjoni* — Marzu, 1963, pp. 3-5.

L-editorjali msemmija fin-Nri. 4, 12, 14, 16, 19 u 23 jinqraw ukoll fl-*Antoloġija ta' Proża Maltija* li Cremona ġabar fl-1968 u li ħarġet mill-Istamperija ta' l-Università fl-1970. It-tliet editorjali iffirmati li ħareġ wara, u li jinqraw ukoll fl-istess Antiloġija, huma *Ma nimitawx iż-*

*żejjed* (Ġunju, 1964), *Monumenti f'Ġonna Pubbliċi* (Diċembru, 1964) u *Kittieba Maltin li għaxu qabılna* (Marzu, 1966)

Fl-1970 is-Sur Nin kellu sodisfazzjon jara l-poeżiji tiegħu miġbura fi ktieb *Mis-Siġra ta' Ħajti,* maħruġ mill-Università Rjali ta' Malta. F'dak il-ktieb Cremona għaqqad il-versi bil-Malti li kien ħareġ fl-1932 taħt l-isem ta' *Weraq mar-Riħ* ma' dawk l-oħrajn li rnexxielu jikteb sa l-1965 fuq medda ta' tlieta u għoxrin sena, kif igħid f'*Lill-Qarrej*. Għall-istorja nħossu li għandna ngħidu li minn din il-ġabra tħallew barra mill-inqas żewġ poeżijiet li waħda minnhom kienet dehret f'*Leħen il-Malti* ta' Lulju-Settembru, 1941, iffirmata "Ras il-Far". Nafu li tiegħu għax kien urihielna qabel ma stampaha u kien qalilna wkoll lil min kellu f'rasu meta kitibha. Aħna hawnhekk, waqt li nirrispettaw ix-xewqa tiegħu li ma jingħadx għal min hi miktuba, nistampawha mill-ġdid bħala poeżija fl-istil satiriku ta' oħrajn li kiteb u li jinqraw f'*Mis-Siġra ta' Ħajti,* e.g. "Teddy Boy" u "Beatles":

I AM THE MAN

Ħliefi ma jgħidlek ħadd jekk trid taf sewwa
l-ewwel bhejjem u nies u f'liema rkejjen
tal-Gżira kienet tgħammar, jekk trid ġewwa
il-kotba tal-Qadim moħħok iżżejjen.

Stejjer ħarbixt: bil-ħażen u bil-ħlewwa
rbaħt il-qalb tas-setgħanin, wixxejjen
ħdejja kull għerf; għalxejn tixtieq l-egħdewwa
minn għolja għal oħra tat-triq tiegħi titbejjen.

*I am the man* li nfixkel nies biex nitla':
li għaref sfajt għax wiċċi sfiq biżżejjed,
u f'daqqa siġra sirt mill-iċken xitla.

Għaraft niżżejjen b'rix ħaddieħor, mejjet
isem Vassalli quddiem ismi, l-kitla
ħawwadt tal-Malti biex ħaxxint il-bwejjet.

Il-versi l-oħra jinqraw fuq ismu f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1946, u naħsbu li baqgħu barra mill-ġabra ta' l-1970 bi żball:

## ID-DGĦAJSA TIEGĦI

(Għanja ta' Baħri Malti)

Għadha tofroq il-mewġ id-dgħajsa tiegħi
— il-mewġ li ħabtu għaliha minn kull naħa:
bil-qlugħ imċarrta jien għalibt is-saħħa
tar-rwiefen u degħbien; bil-qdif ta' driegħi
wassalt id-dgħajsa tiegħi
fi xtut kennija
fejn jidħku bija
darba ħallejt 'il sħabi li bil-għira
imxew fid-dlam ta' moħħ u ta' qalb żgħira.

Għadha tofroq il-mewġ id-dgħajsa tiegħi,
bir-ragħwa f'ħalqu rajt ġej biex jiblagħha
l-għadu tar-ruħ; iżda mill-mewt refagħha
seħer ta' moħħ u qalb; bil-qdif ta' driegħi
wassalt id-dgħajsa tiegħi
b'mewġa xitwija
f'żiffa sajfija.
Il-lum li xjieħet, ta' l-irjieħ irsira,
bħal fewġa tħoss tar-rwiefen kull tisfira.

U tarġa' tarfa' l-qlugħ id-dgħajsa tiegħi
bi qlugħ imraqqgħa, għar-rotta ta' xortija;
u għalkemm hi tħoss it-toqol tax-xjuħija
rebħet ir-riħ: tal-mewġ l-inżul u t-tliegħi.
Għalxejn lid-dgħajsa tiegħi
ried ibeżżagħha
fuq blat jitfagħha
l-għadu tal-moħħ hemm moħbi ġol-għadira
minn fejn trejjaħ bil-ħmieġ ta' qalbu l-ħmira.

U tarġa' tarfa' l-qlugħ id-dgħajsa tiegħi
— il-qlugħ imżewqa b'nisġa barranija
li ta' smewwiet u baħar il-ħruxija
tilqa' u ttuq u żżid il-qdif ta' driegħi.
Jien fuq id-dgħajsa tiegħi,
bid-dmija magħha
biex issebbaħha,
it-terħa ndendel biex tal-Ġlieda l-Kbira
għall-Baħri Malti tkun l-egħżeż tifikra.

L-1 ta' April, 1946.

Hemm ħafna ħwejjeġ oħra li nista' nfakkar imma li mħabba l-wisa' jkolli biss insemmi fuq fuq: is-sabar li bih Cremona għarbel u kiteb reċensjonijiet tal-kitbiet li bdejt noħroġ dwar il-folklore jew dwar il-Malti, il-qalb tajba li wera meta, fuq stedina tal-Prof. Ġ. Aquilina, aċċetta li jagħti xi karti u manuskritti tiegħu jew li għandhom x'jaqsmu mal-Malti li'l-librerija ta' l-Università fiż-żmien li jien kont Bibljotekarju ta' l-Università (1953-59). Kif ukoll il-ħrara li biha, fuq suġġeriment tiegħi, inxteħet biex iħejji konferenza fuq *L'Antica Fondazione della Scuola di Lingua Araba a Malta* għall-membri tal-''Malta Historical Society'' nhar il-25 ta' Jannar, 1952, jew biex ilestili studju fuq *Le Relazioni etnografiche del folklore narrativo e leggendario delle isole di Malta,* li wara jien ippubblikajt, ta' l-ewwel fil-*Melita Historica* (Vol. 1, Nos. 2-4) u tat-tieni fil-*Maltese Folklore Review* (Vol. 1, Nos. 1-3, 1962-66).

Fl-aħħarnett, nixtieq nagħlaq billi nfakkar fl-okkażjoni sabiħa meta l-Għaqda tal-Folklor Malti tat ġieh lis-sur Nin bħala folklorista f'Konferenza li saret fl-Istitut Kattoliku (Sala Gonzi) nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 1968. Wara Kelmtejn ta' Merħba minn ħabibu, Dr. Ch. Cassar, President ta' l-Għaqda, mess lili li nitkellem dwar il-ħidma tas-sur Nin fil-qasam tal-folklore Malti, u mbagħad intwera film miġbud mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, kummentarju bil-Malti li minbarra li fih xeni f'Malta u Għawdex li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja u mal-kitba tas-sur Nin, juri 'il dan il-kittieb mill-qrib fil-ħajja tiegħu ta' kuljum ġewwa daru, imdawwar mill-kotba li tant kien iħobb.

Is-sur Nin dak in-nhar kien ħassu mqanqal ħafna għal din il-wirja ta' ġieh u fl-aħħar, għalkemm ma kenitx fil-programm, kien qam jitkellem. Irringrazzja lill-Għaqda u lill-President tagħha u fost ħwejjeġ oħra għoġbu jsemmi lili bi kliem li ġagħilni niħmar għax ħassejt li ma jistħoqqlix. Il-karta li minna qara kien tahieli dak il-ħin stess imma jiena għall-prudenza bqajt qatt ma stampajtha. Illum li s-sur Nin ħalliena, il-qarrejja jaħfrulna jekk noħorġu għad-dawl il-kliem tiegħu li bihom aħna nistħajlu li ried igħaddi t-torċa ta' l-istudji serji dwar il-Folklore Malti. Is-sur Nin tkellem hekk:

''Nirringrazzja lil din l-udjenza ta' nies, fosthom membri ta' Għaqdiet ta' Kitba Maltija, studenti u nies oħra li għoġobhom il-lejla jonorawni bil-preżenza tagħhom f'din il-laqgħa organizzata mill-Għaqda tal-Folklor Malti, kif ukoll lill-organizzaturi tagħha, b'mod speċjali lill-President, Dr. Charles Cassar, u lis-Sur Cassar Pullicino, membru prominenti tal-Għaqda u kollega tiegħi ta' studji folkloristiċi, li għoġbu jitkellem fuq il-ħidma tiegħi fil-kamp folkloristiku Malti, ħidma mill-

bqija wisq iċken minn dik li s'issa s-Sur Cassar Pullicino kellu l-ħila jagħtina u jżejjen biha l-letteratura Maltija bix-xogħlijiet tiegħu fuq il-Folklor Malti.

"Jien għandi biex nifraħ b'din il-ħidma tiegħu, biex ngħid hekk, iktar mill-ħidma tiegħi f'din il-ħaġa, għax hija frott ta' siġra li snin ilu fittixt li nħawwel fost l-istudenti tiegħi, meta huwa kien student tiegħi u f'qasir żmien matul l-istudji u karriera sabiħa tiegħu beda jagħtina l-isbaħ xhieda tal-ħeġġa tiegħu fl-istudji u riċerki tal-Folklor Malti. Dwar ix-xogħlijiet tal-Folklor Malti tas-Seklu Għoxrin aħna ma kellniex ħlief xi ftit materjal imxerred 'l hawn u 'l hinn imħolli minn xi storiċi ta' qabel, fosthom De Soldanis, Abela-Ciantar, Miege, Badger, u dan l-aħħar Castagna, Bradley, Patri Magri, Ilg, Ċensu Busuttil u Bonelli. Fix-xogħol ta' dawn ma hemmx ħlief xi ftit ġebliet ta' pedamenti, xogħol nieqes minn studju xjentifiku u li fuqu, maż-żmien kellu jinbena daqsxejn ta' palazz ġmielu li fil-bini tiegħu nista' ngħid kellu sehem kbir is-Sur Cassar Pullicino.

"Illum, għalhekk, għandi għalfejn nifraħ u nitgħaxxaq mhux biss b'dak li setgħet toffri l-pinna fqajra tiegħi fil-kamp folkloristiku li kelli l-okkażjoni nikkoltiva flimkien ma' l-istudji tiegħi lingwistiċi tal-Malti f'dawn l-aħħar 55 sena, imma li nifraħ u nitgħaxxaq ukoll bix-xogħol tas-Sur Cassar Pullicino bħala frott ta' siġra ċkejna li ħawwilt snin ilu — frott li miż-żerriegħa tiegħu s'issa nibtu siġar kbar fil-ġnejna tal-folklor Malti.

"Illum is-Sur Cassar Pullicino hu magħdud bħala awtorità tal-Folklor Malti, mhux fostna l-Maltin biss, imma wkoll fost l-istudjużi barranin — bniedem li wasal saħansitra biex b'sagrifiċċju kbir taż-żmien battal tiegħu u ta' butu jwaqqaf fostna Rivista tal-Folklor Malti b'kontribuzzjonijiet ta' kitba folkloristika xjentifika li fiha, fost il-kitba ta' studjużi Maltin issib ukoll dik ta' folkloristi magħrufa barranin.

"Hekk illum naraw illi b'riħet il-ħidma tal-Għaqda tal-Folklor Malti, jiġifieri ta' l-Iskola l-Ġdida tal-Folklor Malti, u b'riħet ix-xogħlijiet li qed jinkitbu f'din ir-Rivista li tagħha l-Fundatur u Editur huwa l-kollega tiegħi, is-Sur Cassar Pullicino, l-istudji tal-Folklor Malti llum għandhom sehem sabiħ fil-Bibljografija Internazzjonali tal-Folklor tal-Ewropa."